**16 ta' Jannar, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Arthur Mizzi *noe*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

## Ħlas ta' Dazju Żejjed bi Żball

*Din il-Qorti hi tal-fehma li għalkemm hu fondamentali li f'materja doganali tiġi eskluża l-iċken possibilità ta' frodi u kull potenzjalità ta' aġir frawdolenti, mhux aċċettabbli prinċipju li hu*

*assolut tant li ma jhalli ebda possibilità ta' moderazzjoni fejn jixraq.*

*Huwa veru li r-*ratio *tal-prinċipju ta' l-irrepetibilità tad-dazju mħallas hu l-potenzjalità ta' aġir frawdolenti però din hi dik il-potenzjalità attwali fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u mhux potenzjalità remota jew biss ipotetika li del resto tista' tgħid teżisti dejjem u f'kull każ.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni peress illi l-attur *nomine* importa minn Israel mal-vapur s.s. Markus fl-24 ta' Mejju, 1971, seba' mija u tmienja u disgħin (798) *plastic school satchels and bags* u ħallas bi żball bħala dazju fuq l-imsemmija oġġetti s-somma ta' tmien mija u dsatax-il lira, wieħed u ħamsin ċenteżmu, u seba' milleżmi flus Maltin (Lm819.51,7) filwaqt li s-somma korretta pagabbli bħala dazju fuq l-imsemmija oġġetti kienet ta' erba' mija, wieħed u tletin lira, tnejn u tletin ċenteżmu, u milleżmu flus Maltin (Lm431.32,1) talab li l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondilu s-somma ta' tliet mija, tmienja u tmenin lira, dsatax-il ċenteżmu u sitt milleżmi Maltin (Lm388.19,6) ġà mħallas bi żball mill-attur *nomine* bħala dazju fuq 798 *plastic school satchels and bags*, li waslu Malta mal-.s.s. Markus fl-24 ta' Lulju, 1971, liema somma l-istess konvenut qed jirritjeni indebitament, bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ġunju, 1973, u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra spettanti lill-attur *nomine* skond il-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi d-domanda attriċi hija nfondata għaliex id-dazju ġie mħallas *skond il-fattura tal-merkanzija li l-attur stess* ippreżenta lid-Dwana, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tat-2 ta' Ġunju, 1975, li bih innominat lill-Avukat Dr. Eric P. Sammut bħala Perit Legali bil-fakultajiet u nkarigi hemm indikati;

Rat a fol. 96 ir-relazzjoni tal-perit legali, Dr. Sammut li ġiet minnu debitament maħlufa;

Rat a fol. 106 it-talba tal-konvenut għan-nomina ta' periti perizjuri liema talba l-istess konvenut sussegwnetement irrinunzja għaliha;

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tas-17 ta' Settembru, 1981, li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur *nomine* u kkundannat lill-konvenut jirrifondi lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm388.19,6, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż u imgħaxijiet kif mitluba u dan kollu wara li kkunsidrat:

"Il-konvenut qed jeċċepixxi illi d-domanda attriċi hija nfondata l-għaliex id-dazju ġie mħallas *skond fattura tal-merkanzija* li l-attur stess ippreżenta lid-Dwana. Skond id-dikjarazzjoni tiegħu, il-konvenut qal li l-attur għamel dikjarazzjoni għad-dħul tal-merkanzija u magħha annetta skond il-liġi u l-fattura li kienet turi li dik il-merkanzija kellha l-valur ta' CIF Lm1,743.12,8 u li a bażi ta' dan il-valur huwa mħallas id-dazju ta' Lm819.10,3;

Il-perit legali fil-każ ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-13 ta' Frar, 1980 u ħalifha fil-25 ta' Frar, 1980, flimkien mal-verbali tax-xhieda u d-dokumenti esebiti. *L-istess perit legali* (para. 14, fol. 103) qal li hu jħossu konvint illi dan hu każ ta' żball fejn il-valur ġie indikat erronjament u fiċ-ċirkostanzi speċjali *ta'* dan *il-każ it-talba għar-rifużjoni tad-dazju mħallas* żejjed għandha tiġi milqugħa. Skond il-perit legali fil-kawża, l-iżball ġenwin ta' l-attur ġie sodisfaċentement ippruvat. Din il-Qorti *kellha okkażjoni oħra fejn ippronunzjat ruħha similment* f'każi simili għal dan. Il-każ kien **Magro *vs* Kontrollur tad-Dwana** u kien ġie deċiż f'dan l-aħħar sentejn minn din l-istess Qorti u kif ippresjeduta;

Fl-opinjoni tal-perit legali kif ukoll f'din il-Qorti l-attur *nomine* ġieb provi *biżżejjed biex juri li fil-fatt* il-valur tal-merkanzija importata kien ferm anqas minn dak erronjament iddikjarat u għalhekk it-talba attriċi għar-rifużjoni għandha tiġi milqugħa";

Rat in-nota ta' appell tal-konvenut a fol. 152 u a fol. 153 il-*petizzjoni ta'* l-appell *tiegħu li permezz tagħha l-Kontrollur* tad-Dwana konvenut talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż *taż-żewġ* istanzi kontra l-appellat;

Rat a fol. 159 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur *nomine* appellat *li biha ssottometta li l-appell interpost għandu jiġi* miċħud;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni *tal*-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-Kontrollur tad-Dwana appellant qed jimposta l-appell tiegħu fuq punt legali li hu ċertament ta' ċerta importanza;

L-appellant qed jissottometti illi kemm il-perit legali *kif* ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti ma fehmux il-kunċett tal-potenzjalità ta' aġir frawdolenti, li a bażi tiegħu l-Qorti tagħna, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza estera in materja doganali, dejjem irritenew li una volta li l-oġġetti jinħarġu minn taħt il-kontroll tad-Dwana ma hi ammessa ebda talba għar-rifużjoni ta' dazju mħallas f'liema kunċett ma għandu x'jaqsam assolutament xejn mal-kwistjoni ta' żball ġenwin o *meno*. Infatti, jista' jkollok sitwazzjoni fejn a bażi tal-kriterju tal-probabilità għandek każ ta' żball ġenwin, iżda ċ-ċirkostanzi jkunu tali li, indipendentement mill-provi prodotti biex jippruvaw l-iżball, jammetti l-potenzjalità ta' *aġir* frawdolenti. L-appellant issottometta ukoll li ġaladarba l-attur stess indika l-valur globali ta' l-oġġetti liema valur ġie aċċettat mill-appellant, tħallas id-dazju (ikkomputat korrettement a bażi *tal-valur* indikat) u l-oġġetti nħarġu definittivament minn taħt il-Kontroll tad-Dwana, ebda ammont ta' korrispondenza bejn il-bejjiegħ f'Israel u l-attur f'Malta ma jistgħu jneħħu l-potenzjalità ta' aġir frawdolenti;

Fl-aħħarnett l-appellant issottometta li l-ġurisprudenza ċċitata mill-perit legali, l-appellat u l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet applikata ħażina għax il-każijiet iċċitati ma *kienx hemm* fihom l-element tal-possibilità ta' aġir frawdolenti;

Illi qabel xejn jingħad bħala punt ta' partenza li hemm prinċipju assolut li l-partijiet jaqblu fuqu. Dan huwa *li l-liġi* doganali hija ntiża mhux biss biex tevita l-potenzjalità ta' aġir frawdolenti u dannu ta' l-erarju pubbliku imma ukoll li tassigura li l-kontribwent ma jħallas aktar milli verament dovut;

Assodat dan il-prinċipju wieħed irid jipprova jifhem għaliex allura l-leġislatur fil-liġi relattiva ma stipulax li d-dazju una volta mħallas u l-merkanzija irtirata ma jista' qatt u taħt ebda ċirkostanza jiġi ripetut in toto, jew in parti mill-importatur li jkun ħallsu;

L-appellant għażel li dan l-argument li għall-Qorti hu ta' massima importanza jevita li jiddiskutih u minflok strieħ fuq sentenza ta' dina l-Qorti ta' l-1921 in re **Parlato *vs* Briffa**, riportata fil-Vol. XXIV tal-Kollezzjoni, Parte I, a fol. 723. F'dik is-sentenza dik il-Qorti ppresjeduta minn Sir. M.A. Refalo, President u mill-Imħallfin G. Agius u L. Camilleri kienet osservat illi:

"*Salva la facoltà consentita al Governatore coll'articolo 31 dell'Ordinanza No. VII del 1909 la legge non attribuisce al collettore della dogana la facoltà di rimettere il dazio dovuto o di restituirlo se gia pagato, se non per gli effetti esistenti in deposito o dichiarati per essere ammessi a deposito opporre per esserne esportati, quando tali effetti si perdessero o andassero distrutti per cause fortuite inevitabili, sia a bordo del bastimento, sia durante il loro trasporto, il loro sbarco e la loro ricezione nel magazzino ... (le) domande della ditta attrice oltre all'essere contrarie alle disposizioni contenuta nell'ordinarnza nru. VII del 1909 sono anche contrarie a quelle dell'ordinanza nru. VII del 1911, per cui non possono essere accolte; il principio animatore delle disposizioni delle leggi relativi alle irrepetibilità dei dazi pagati è che nessuna merce soggetta a dazio può essere introdotta al consume sena preciso pagamento di dazio, e che una volta pagato il dazio e si tratta la merce dal controllo doganale per introdurla al consume, tale dazio non è piu restituibile, e la ragione di siffatta disposizione è cosi ovvia da non richiedere d'essere accennate*";

L-appellant oltre milli jirribadixxi dak li din il-Qorti kienet ippronunzjat fis-sentenzi ċċitati, issottometta ukoll illi l-artikolu msemmija li jagħtu l-fakoltà lill-Kap ta' l-Istat u lill-kollettur li jirrifondu dazju (illum l-artikolu 49 u 29 tal-Kap. 60) ma jimponux obbligu fuq, iżda jagħtu biss is-setgħa jew fakoltà, għar-rifużjoni ta' dazju: "*The Minister responsible for Customs* *may* *remit duties thereon*"; "*the collector* *may* *remit or return the duties due or paid thereon*";

Ikkunsidrat:

Illi l-istess prinċipju enunċjat f'**Parlato** ***vs*** **Briffa** ġie rriaffermat minn din il-Qorti fl-1950 in re **Farrugia** ***vs*** **Agius** ***noe***, fejn anke ġie ekwiparat il-ħlas ta' dazju magħmul *under protest* ma' depożitu. L-appellant għamel ukoll referenza għal din is-sentenza. F'dik is-sentenza din il-Qorti qalet: "Illi jingħad ukoll ... li l-attur ħallas id-dazju bi protesta u dak il-mod ta' pagament għandu jiġi paċifikat għal depożitu bl-obbligu tal-korrispondenti rifużjoni u konsegwenti dritt ta' ripetibilità jekk eventwalment il-merċi tiġi ddikjarata eżenti minn dak id-dazju kkontestat ... mentri kieku ma għamilx hekk kien jipprevali l-prinċipju tan-non-ripetibilità tad-dazju u t-talba tiegħu kienet tiġi *ipso facto* miċħuda ...";

L-appellant isostni li hu ċar minn dan li din il-Qorti ma għamlet ebda distinzjoni bejn każ meta l-importatur ma jagħmilx il-pagament *under protest* għax ma jkunx induna bl-iżball u l-każ meta ma jagħmilx il-pagament *under protest* nonostante li kien jaf bl-iżball u dan bir-raġun għaliex meta pagament ta' dazju ma jsirx *under protest*, hi x'inhi r-raġuni, jidħol u jipprevali l-prinċipju tan-non-ripetibilità ta' dak id-dazju mħallas;

Ikkunsidrat:

Illi fl-1958, il-prinċipju tan-non-ripetibilità enunzjat fis-sentenza in re **Parlato vs Briffa** *sup cit* ġie skoss b'sentenza li l-Imħallef W. Harding ta f'appell inferjuri in re **Soler vs Camilleri**, liema sentenza tinsab riportata fil-Volum XLII tal-Kollezzjoni f'Parti I, p. 758. F'dik is-sentenza ingħad hekk: "Jista' però jagħti l-każ li ċ-ċirkostanza li l-ħaġa ġiet maħruġa ma jagħti lok għall-ebda potenzjalità ta' aġir frawdolenti; u f'każ simili tiġi nieqsa r-*ratio decidendi* ta' dak il-prinċipju". F'dak il-każ *si trattava ta' impostazzjoni ta' sitt kuċċarini ta' l-*E.P.N.S. L-uffiċjal tad-Dwana, wara li aċċerta ruħu li l-kuċċarini veru kienu sitta u veru kienu ta' l-E.P.N.S. qabad u arbitrarjament *iffissa l-valur tagħhom li l-Qorti qieset bil-bosta* eċċessiv u fuq dak il-valur ikkomputa d-dazju li t-tifel ta' l-importatur qabad u ħallas. L-istess Qorti kkommentat fuq dan illi: "hu ovvju li *dan ir-reklam (ta'* l-importatur Soler) mhux bl-ebda mod effettat miċ-ċirkostanza li l-kuċċarini ġew maħruġa mill-kontroll tad-Dwana; għaliex ħarġu jew ma ħarġux, jibqgħu *dejjem sitt* kuċċarini, u sitt kuċċarini ta' l-*Electro plated nickelled silver*. Il-valur tagħhom hu l-valur ta' sitt kuċċarini E.P.N.S. ħarġu u ma ħarġux mid-Dwana";

Ikkunsidrat:

*Illi l-appellant ittanta tul il-kors tal-kawża odjerna jillimita* kemm jista' l-importanza u l-applikabilità li din l-aħħar sentenza ċċitata evidentement għandha u l-argument prinċpali tiegħu hu fis-sens li dik *is-sentenza apparentement* biss skussat il-prinċipju bażiku enunċjat qabel. Infatti, isostni li r-*ratio* tal-prinċipju ta' l-irrepetibilità tad-dazju mħallas hu "il-potenzjalità ta' l-aġir fawdolenti"; u *mhux kif* qed jagħti ad intendere l-perit legali, jekk il-każ partikolari kienx wieħed ġenwin jew le. L-appellant ukoll irrefera għal parti oħra tas-sentenza ċċitata fejn l-Imħallef Harding kkommenta li "kien ikun divers il-każ kieku avolja ġew iddikjarati x'inhuma, eppure kienu oġġetti tali li jista' jkun hemm varjetajiet diversi tagħhom, bħal per eżempju

kieku ġew iddikajrati *boots* jew *shoes* li hemm diversi klassifikazzjonijiet tagħhom, b'ammont ta' dazju korrispondentement varjabbli". L-appellant isostni li mal-*boots* u *shoes* wieħed ċertament jista' jgħid *plastic school satchels*;

Ikkunsidrat:

Illi anke minħabba l-importanza fondamentali tal-prinċipju involut, din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan *il-każ*, *il-fattispeċje* tiegħu u d-diversi sentenzi preċedenti ta' dawn il-Qrati u hi tal-fehma illi għalkemm hu fondamentali li f'materja doganali tiġi eskluża l-iċkent posibilità ta' frodi u kull potenzajlità ta' aġir frawdolenti mhux aċċettabbli prinċipju li hu assolut tant li ma jħalli ebda possibilità ta' moderazzjoni fejn jixraq. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-deċiżjoni fil-kawża **Soler *vs* Camilleri** hi aktar rakkomandabbli għax l-importazzjoni tagħha f'kuntest legali hi aktar preċiża minn dawk ta' qabel. L-appellant qisu qed jippretendi, għax hekk qal fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu a fol. 120 tal-proċess, li l-Qrati kważi kważi m'għandhomx jindaħlu fil-kwistjoni meta jinqalgħu inċidenti simili. Però dan hu skorrett għax kieku ried hekk il-leġislatur kien jirrendi d-diskrezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana jew tal-Ministeru tiegħu insindakabbli. Mhux talli l-leġislatur ma għamilx dan anzi ma nkludiex fil-liġi l-prinċipju tan-non-ripetibilità kif ingħad;

Huwa veru li r-*ratio* tal-prinċipju ta' l-irrepetibilità tad-dazju mħallas hu l-potenzjalità ta' aġir frawdolenti, però din hi dik il-potenzjalità attwali fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u mhux potenzjalità remota jew ħlas ipotetiku li del resto tista' tgħid teżisti dejjem u f'kull każ. Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-eżami li għandu jsir f'kull każ li jinqala' hu jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu humiex tali li mhux biss jidher li jkun sar żball ġenwin iżda ukoll illi tkun eskluża b'mod evidenti kull potenzjalità attwali ta' aġir frawdolenti. Ċertament però ma

jistax jinghad li l-eżerċizzju li ghandu jsir hu biss jekk tkunx ġiet osservata l-liġi u daqshekk. Jekk ma tkunx ġiet osservata l-liġi allura wiehed m'ghandux ghalfejn joqghod jintilef fuq prinċipju jew iehor. Però jekk tkun ġiet osservata l-liġi mhux kollox jieqaf hemm iżda ghandu jsir eżami akkurat biex jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prinċipji fuq enunċjati biex il-każ fejn trattandosi ta' assenza ta' perikolu li seta' kien hemm aġir frawdolenti ghandux ikun hemm rifużjoni ta' dazju;

Ikkunsidrat dwar il-każ in diżamina:

Illi l-fatti huma elenkati u deskritti tajjeb kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fir-relazzjoni tal-perit legali, però, a skans ta' ekwivoċi u partikolarment biex jiġi evitat li din is-sentenza tiġi interpretata li f'kull każ dejjem hemm id-dritt ta' rifużjoni ser jinghad liema huma dawk il-fatti li jikkonvinċu lil din il-Qorti li fil-każ in diżamina ma seta' kien hemm l-ebda potenzjalità ta' aġir frawdolenti. Il-fatti relevanti huma dawn:

*Omissis*;

Ikkunsidrat ghalhekk:

Illi stabbilit illi verament tniżżel valur żbaljat fuq li l-valur li kellu jitniżel kien ta' Lm871.82, kif jidher mill-*invoice* dok. X1, jibqa' biss konsiderazzjoni wahda u ċjoè hemmx f'dan il-każ xi ċirkostanzi ohra in ġenerali jew in partikolari li jistghu jwasslu illi din il-Qorti li ma teskludix il-potenzjalità ta' aġir frawdolenti;

Fuq dan din il-Qorti hasbet fit-tul u waslet ghall-konklużjoni li dan il-każ partikolari tant ġew prodotti dettalji dwar l-ordni, il-kwalità, l-ammont, l-arranġamenti bankarji u l-konsenja sussegwenti li tista' tiġi eskluża mill-potenzjalità ta'

aġir frawdolenti;

Ikkunsidrat:

Illi ma jirriżulta minn imkien li fil-konsenja sussegwenti ċjoè dik ta' Awissu, 1981, id-Dwana kkontestat il-valur jew stabbiliet valur ieħor u għalhekk għandu jittieħed li l-valur ta' lira u tliet xelini hu l-valur CIF ta' kull *satchel*. Mhux ikkontestat li d-dazju fuq Lm917.70 (li jinkludi l-*commission*) kellu jkun ta' Lm431.32,1 li jġib li Lm388.19,6 tħallas żejda u għalhekk għandhom jiġu rifużi lill-attur;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza stante n-natura legali tal-punti involuti jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-reġistru għall-appellant.